DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Novembru 2014

dwar ċertu miżuri protettivi interim marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fil-Pajjiżi l-Baxxi

(notifikata bid-dokument C(2014) 8752)

(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/808/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u żootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Kommunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tagħha,

Billi:

(1) L-influwenza avjarja hi marda virali infettiva fl-għasafar, inklużi t-tjur. L-infezzjonijiet bil-viruses tal-influwenza avjarja fit-tjur jikkawżaw żewġ forom ta' dik il-marda, u dawn jingħarfu mill-virulenza tagħhom. Ġeneralment il-forma b'patoġeniċità baxxa tikkawża biss sintomi ħfief filwaqt li l-forma b'patoġeniċità għolja għandha rati tal-imwiet għoljin ferm f'ħafna mill-ispeċijiet tat-tjur. Din il-marda jaf tħalli impatt qawwi fuq il-profitabbiltà tat-trobbija tat-tjur.

(2) L-influwenza avjarja tinstab l-aktar fl-għasafar, iżda xi drabi jaf ikun hemm infezzjonijiet ukoll fil-bnedmin minkejja li r-riskju hu ġeneralment baxx ħafna.

(3) Jekk tfaqqa' l-influwenza avjarja, hemm riskju li l-aġent tal-marda jixtered fi stabbilimenti oħra fejn jinżammu t-tjur jew għasafar oħra mrobbijin. Minħabba f'hekk, din tista' tinfirex minn Stat Membru għal Stati Membri oħra jew għal pajjiżi terzi permezz ta' kummerċ tat-tjur ħajjin jew il-prodotti tagħhom.

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ([3]) tistabbilixxi ċertu miżuri preventivi relatati mas-sorveljanza u s-sejbien kmieni tal-influwenza avjarja u l-miżuri minimi tal-kontroll li jridu jiġu applikati jekk tfaqqa' din il-marda fit-tjur jew f'għasafar oħra mrobbijin. Dik id-Direttiva tistipula li jekk tfaqqa' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja għandhom jitwaqqfu żoni ta' protezzjoni u sorveljanza.

(5) Il-Pajjii l-Baxxi nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja tas-sottotip H5N8 fi stabbiliment fit-territorju tagħhom fejn kienu qed jitrabbew it-tjur jew għasafar oħrajn u ħadet minnufih il-miżuri meħtieġa skont id-Direttiva 2005/94/KE, inkluż it-twaqqif ta' żoni ta' protezzjoni u sorveljanza. Bħala miżura ta' prevenzjoni u sabiex issir evalwazzjoni tas-sitwazzjoni u jonqos kemm jista' jkun ir-riskju li t-tifqigħa konfermata tkompli tixtered, l-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi qed jipprojbixxu l-moviment tat-tjur ħaj u ta' ċertu prodotti tat-tjur fi ħdan it-territorju kollu.

(6) Il-Kummissjoni eżaminat dawk il-miżuri b'kollaborazzjoni mal-Pajjiżi l-Baxxiu ħarġet sodisfatta li l-fruntieri taż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza stabbiliti mill-awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru jinsabu 'l boghod biżżejjed mill-istabbiliment proprju fejn ġiet konfermata t-tifqigħa.

(7) Sabiex issir prevenzjoni minn kull tfixkil bla bżonn fil-kummerċ tal-Unjoni u sabiex jiġu evitati ostakli mhux ġustifikati fil-kummerċ li jimponu pajjiżi terzi, jeħtieġ li ż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni f'kollaborazzjoni ma' dak l-Istat Membru.

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE (ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16).

(8) Għaldaqstant, sakemm jerġa' jitlaqqa' l-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, iż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza fil-Pajjiżi l-Baxxi, fejn qed jiġu applikati l-miżuri ta' kontroll għas-saħħa tal-annimali stipulati fid-Direttiva 2005/94/KE, għandhom jiġu definiti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni u għandu jiġi stabbilit it-tul taż-żmien ta' dik ir-reġjonalizzazzjoni.

(9) Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Pajjiżi l-Baxxi għandhom jiżguraw li ż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza stabbiliti skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2005/94/KE ikunu jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni u sorveljanza fil-Parti A u fil-Parti B tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tapplika sat-22 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

PARTI A

Iż-żona ta' protezzjoni kif jissemma fl-Artikolu 1:

Kodiċi ISO tal-pajjiż	Stat Membru	Kodiċi (jekk disponibbli)	Isem
NL	Il-Pajjiżi l-Baxxi	Kodiċi postali/ ADNS	Żona li tinkludi:
			— Minn fejn N228 taqta' ma' Goverwellesingel, minn Goverwellesingel fid-direzzjoni tat-tramuntana mill-Mina Goverwelle sa Achterwillenseweg. — Minn Achterwillenseweg fid-direzzjoni tal-lvant sa Vlietdijk. — Minn Vlietdijk fid-direzzjoni tat-tramuntana lejn Platteweg sa Korssendijk. — Minn Korssendijk fid-direzzjoni tat-tramuntana minn Ree fid-direzzjoni tal-lvant sa Nieuwenbroeksedijk. — Minn Nieuwenbroeksedijk fid-direzzjoni tal-lvant sa Kippenkade. — Minn Kippenkade fid-direzzjoni tat-tramuntana sa Wierickepad. — Minn Wierickepad fid-direzzjoni tat-tramuntana u mbagħad id-direzzjoni tal-lvant fi Kerkweg lejn Groendijk u sa Westeinde. — Minn Westeinde fid-direzzjoni tat-tramuntana lejn Oosteinde sa Tuurluur. — Minn Tuurluur fid-direzzjoni tan-nofsinhar lejn Papekopperdijk. — Minn Papekopperdijk fid-direzzjoni tan-nofsinhar lejn de Johan J Vierbergenweg lejn Zwier Regelinkstraat sa N228. — Minn N228 fid-direzzjoni tan-nofsinhar sa Damweg. — Minn Damweg fid-direzzjoni tan-nofsinhar sa Zuidzijdseweg. — Minn Zuidzijdseweg fid-direzzjoni tal-punent lejn Slangenweg sa West-Vlisterdijk. — Minn West-Vlisterdijk fid-direzzjoni tat-tramuntana mbagħad fid-direzzjoni tal-punent lejn Bredeweg u fid-direzzjoni tat-tramuntana lejn Grote Haven sa N228. — Minn N228 fid-direzzjoni tal-punent.

PARTI B

Iż-żona ta' sorveljanza kif jissemma fl-Artikolu 1:

Kodiċi ISO tal-pajjiż	Stat Membru	Kodiċi (jekk disponibbli)	Isem
NL	Il-Pajjiżi l-Baxxi	Kodiċi postali/ ADNS	Żona li tinkludi:
			— Minn fejn N207 taqta' ma' N11, minn N11 fid-direzzjoni tax-xlokk sa N458. — Minn N458 fid-direzzjoni tal-lvant sa Buitenkerk.

Kodiċi ISO tal-pajjiż	Stat Membru	Kodiċi (jekk disponibbli)	Isem
NL	Il-Pajjiżi l-Baxxi	Kodiċi postali/ ADNS	Żona li tinkludi:
			— Minn Buitenkerk fid-direzzjoni tat-tramuntana sa Kerkweg. — Minn Kerkweg fid-direzzjoni tal-lvant sa Meije. — Minn Meije fid-direzzjoni tal-grigal sa Middenweg. — Minn Middenweg fid-direzzjoni tan-nofsinhar lejn Hoofdweg lejn Zegveldse Uitweg sa N458. — Minn N458 fid-direzzjoni tal-lvant lejn Rembrandtlaan sa Westdam. — Minn Westdam fid-direzzjoni tan-nofsinhar lejn Rijnstraat lejn Oostdam sa Oudelandseweg. — Minn Oudelandseweg fid-direzzjoni tat-tramuntana sa Geestdorp. — Minn Geestdorp fid-direzzjoni tal-lvant sa N198. — Minn N198 fid-direzzjoni tal-lvant u fid-direzzjoni tan-nofsinhar, imbagħad fid-direzzjoni tal-lvant u fid-direzzjoni tan-nofsinhar sa Strijkviertel. — Minn Strijkviertel fid-direzzjoni tan-nofsinhar sa A12. — Minn A12 fid-direzzjoni tal-lvant sa A2. — Minn A2 fid-direzzjoni tan-nofsinhar sa N210. — Minn N210 fid-direzzjoni tan-nofsinhar lejn id-direzzjoni tal-punent imbagħad lejn id-direzzjoni tan-nofsinhar sa S.L. van Alterenstraat. — Minn S.L. van Alterenstraat fid-direzzjoni tan-nofsinhar sax-xmara De Lek. — Mix-xmara De Lek fid-direzzjoni tal-punent sa Bonevlietweg. — sa Melkweg. — Minn Melkweg fid-direzzjoni tan-nofsinhar lejn Peppelweg sa Essenweg. — Minn Essenweg fid-direzzjoni tat-tramuntana lejn Graafland sa Irenestraat. — Minn Irenestraat fid-direzzjoni tal-punent sa Beatrixstraat. — Minn Beatrixstraat fid-direzzjoni tat-tramuntana sa Voorstraat. — Minn Voorstraat fid-direzzjoni tal-punent lejn Sluis, lejn Opperstok, lejn Bergstoep sal-vapur fi Bergambacht-Groot Ammers. — Mill-vapur fid-direzzjoni tat-tramuntana sa Veerweg. — Minn Veerweg fid-direzzjoni tat-tramuntana sa N210. — Minn N210 fid-direzzjoni tal-punent sa Zuidbroekse Opweg. — Minn Zuidbroekse Opweg fid-direzzjoni tat-tramuntana sa Oosteinde.

Kodiċi ISO tal-pajjiż	Stat Membru	Kodiċi (jekk disponibbli)	Isem
NL	Il-Pajjiżi l-Baxxi	Kodiċi postali/ ADNS	Żona li tinkludi:
			— Minn Oosteinde fid-direzzjoni tal-punent sa Kerkweg. — Minn Kerkweg fid-direzzjoni tal-punent sa Graafkade. — Minn Graafkade fid-direzzjoni tal-lvant sa Wellepoort. — Minn Wellepoort fid-direzzjoni tal-majistrall lejn Schaapjeshaven sa Kattendijk. — Minn Kattendijk fid-direzzjoni tal-lvant sal-vapur fi Hollandsche IJssel. — Mill-vapur fid-direzzjoni tat-tramuntana sa Veerpad. — Minn Veerpad fid-direzzjoni tat-tramuntana lejn Kerklaan lejn Middelweg sa N456 — Minn N456 fid-direzzjoni tat-tramuntana sa N207. — Minn N207 fid-direzzjoni tat-tramuntana sa N11.